MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 213/2012

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu 20 ta' Marzu 1984 fir-registru pubbliku u minn dan iz-zwieg twieldu Kelly Anne, Justin, Ritianne, Lorvin, Clint illum kollha maggorenni.

2. Illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju vjolenza mohqrija sevizzji u ingurji gravi fil-konfront tal-attrici.

3. Illi kien hemm diversi incidenti, rapporti l-ghassa, kif ukoll kazijiet il-Qorti minhabba l-imgieba tal-konvenut.

4. Illi l-attrici kellha tirrisjedi diversi drabi gewwa "Merhba Bik" u "L-Ghabex".

5. Illi l-konvenut rrendi ruhu hati ta' adulterju u ghandu tlett itfal minn Silvana xebba Attard u prezentament ghandu relazzjoni ohra.

6. Il-partijiet ilhom de facto separati minn Ottubru 2010.

7. Illi l-konvenut ilu snin ma jipprovdi manteniment ghall-esponenti.

8. L-esponenti taqbel li l-konvenut ghandu jibqa' jirrisjedi fid-dar konjugali.

9. Il-partijiet diga’ qassmu l-kontenut tad-dar.

10. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

11. Illi miz-zwieg taghhom il-kontendenti ghandhom wild maggoreni, u dawk ta' taht it-tlieta u ghoxrin sena ma jistudjawx.

12. Illi l- medjazzjoni giet dikjarata maghluqa u l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni personali permezz tad-digriet nru 1346/12.

13. Illi l-esponenti giet ammessa ghall-benificcju tal-ghajnuna legali.

<u>Talbiet</u>

Jghid ghalhekk il-konvenut, ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali tal-kontendenti minhabba il-hjtiet imsemmija tal-konvenut.

2. Takkorda manteniment xieraq skond il-ligi ghal attrici.

3. Tordna l-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti.

Rat illi l-konvenut wara li gie debitament notifikat bir-rikors guramentat bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni deher ghall-udjenza tat-2 ta' Lulju 2013 u wara li laqgha seduta stante kopja tar-rikors guramentat inghata ghoxrin jum sabiex jipprezenta risposta guramentata.

Rat illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat in-nota ta' osservazzjonjiet ipprezentata mill-attrici[1].

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

L-attrici xehdet bil-mezz tal-affidavit[2]. Tispjega illi l-partijiet izzewgu fl-20 ta' Marzu 1984 bir-rit civili u minn dan iz-zwieg kellhom hamest itfal li llum huma kollha maggorenni u li hadd minnhom ma hu student full-time. Xehdet illi l-konvenut kellu diversi relazzjonijiet ma' nisa ohra matul iz-zwieg tal-partijiet. L-agir adulterju tieghu kien ukoll akkumpanjat minn atti vjolenti fil-konfront tal-attrici li kellha tispicca tmur tirrisjedi f'dar Merhba Bik u l-Ghabex. Xehdet illi l-konvenut ghandu tlett itfal minn mara ohra.

Spjegat illi iddecidiet li tiehu passi issa wara li t-tfal "kibru bizzejjed li jien stajt nitlaq mid-dar konjugali.

Ma tirceviex manteniment minghand zewgha ghaliex tghid li zewgha wkoll bhalha jghix bl-assistenza socjali.

L-attrici taqbel li l-konvenut ghandu jibqa' jghix fid-dar matrimonjali li tinsab mikrija minghand terzi u tiddikjara illi assi tal-komunjoni ma hemm xejn peress li gia' iddividew bejniethom l-assi kollha appartenenti l-komunjoni.

Ikkonkludiet ix-xhieda taghha billi talbet illi jekk hemm xi dejn li ghamel zewgha dan ghandu jaghmel tajjeb ghalih hu wahdu.

Ikkunsidrat.

[1] Fol. 68
[2] Fol. 28

**Konsiderazzjonijiet**.

Ghalkemm ix-xhieda tal-attrici f'dawn il-proceduri hija skarsa ghall-ahhar konsistenti fl-affidavit tal-attrici u t-testimonjanza tar-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali dwar l-assistenza socjali li tircevi l-attrici, il-Qorti hi tal-fehma illi x-xhieda mressqa hija sufficjenti sabiex tikkonkludi illi l-konvenut jahti unikament ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet minhabba li kkommetta adulterju u ghalhekk kiser l-obbligu naxxenti mill-vinkolu matrimonjali dwar il-fedelta' fiz-zwieg. Sakemm iz-zwieg ghadu jissussisti l-obbligu tal-fedelta' jibqa' jipperdura anke wara li l-partijiet jisseparaw legalment.

Ma hemm l-ebda raguni ghaliex il-Qorti ma temminx il-verzjoni mhux kontradetta tal-attrici.

Mill-banda l-ohra pero', dwar it-talba attrici sabiex tithallas manteniment minghand il-konvenut, il-Qorti hija rinfaccjata b'nuqqas ta' provi rilevanti.

Ghalkemm il-Qorti qed issib lill-konvenut unikament hati ghat-tkissir taz-zwieg, sabiex tikkundannah ihallas manteniment lill-attrici jinhtiegu provi dwar il-bzonnijiet tal-attrici kif ukoll dwar il-mezzi sew tal-attrici kif ukoll dawk tal-konvenut. Rigward il-bzonnijiet tal-attrici ma tresqu l-ebda provi kif del resto ma tresqu l-ebda provi dwar id-dhul tal-konvenut, ghalkemm intqal illi jircievi l-assistenza socjali. Kemm pero' ma nafux. Prova cara fir-rigward tresqet biss dwar il-quantum ta' ghajnuna socjali li tircevi l-attrici.

Ghalhekk fuq bazi ta' probabilita' u in mankanza ta' provi fl-atti, il-Qorti qed tqis illi filwaqt li minhabba l-akkoljiment tal-ewwel talba attrici, il-konvenut huwa responabbli versu l-attrici ghall-hlas tal-manteniment, qed tqis illi fic-cirkostanzi prezenti l-konvenut ma hux f'posizzjoni finanzjarja li jadempixxi l-obbligu tieghu ta' hlas ta' manteniment versu martu, liema dritt qed jigi rizervat lill-attrici jekk ic-cirkostanzi tal-konenut jinbidlu.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tipprovdi dwar it-talbiet attrici bil-mod segwenti:-

1. Tilqa' l-ewwel talba, tiddikjara lill-konvenut unikament hati u responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, u konsegwentement tippronunzja s-separazzjoni personali tal-kontendenti.

2. Tilqa' parzjalment it-tieni talba, tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli versu l-attrici ghall-hlas tal-manteniment ghaliha. Fl-istess hin tichad it-talba attrici ghal-likwidazzjoni u hlas tal-manteniment stante li ma rrizultax li l-konvenut jinsab f'posizzjoni finanzjarja tali li jadempixxi tali obbligu. Qed jibqa' rizervat lill-attrici id-dritt illi fil-futur tadixxi lill-Qorti ghal-likwidazzjoni u kundanna ta' hlas tal-manteniment jekk ic-cirkostanzi tal-konvenut jinbidlu.

4. Tilqa' t-tielet talba, tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tiddikjara illi llum ma hemmx assi tal-komunjoni x'jigu divizi bejniethom stante li l-partijiet iddividew bonorjament l-assi kollha tal-komunjoni b'dan illi kwalunkwe dejn ezistenti li jsejjah lill-attrici ghandha taghmel tajjeb ghalih wahedha ad eskluzzjoni tal-konvenut filwaqt li kwalunkwe dejn ezistenti li jsejjah lill-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghalih wahdu ad eskluzzjoni tal-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------